Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

GEORGE HYZLER
Aġent President

17 ta' Mejju, 2002

ATT Nru. VIII ta' l-2002

ATT biex jemenda l-Att dwar l-Avjazzjoni Ċivili (Ċertifikati ta' Operaturi ta' l-Ajru), Kap. 218.

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att ta' l-2002 li jemenda l-Att dwar l-Avjazzjoni Ċivili (Ċertifikati ta' Operaturi ta' l-Ajru).

Kap. 218.

(2) Dan l-Att għandu jiftiehem u jinqara ħaġa waħda ma' l-Att dwar l-Avjazzjoni Ċivili (Ċertifikati ta' Operaturi ta' l-Ajru), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali", u għandu jibda' jseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-avjazzjoni ċivili jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi.

Emenda ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali.

2. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali, il-kliem ", u li jkollu l-piż totali massimu awtorizzat ta' aktar minn 2268 kilogrammi," għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali.

3. L-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) id-disposizzjoni preżenti għandha tiġi numerata mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) tiegħu;

(b) fis-subartikolu (1) tiegħu, kif numerat mill-ġdid, minnufih wara l-kliem "għall-iskop ħekk speċifikati." għandhom jiżdiedu l-kliem "Meta d-Direttur ikun qed jivvaluta

l-kompetenza ta' persuna biex topera inġenji ta' l-ajru, huwa għandu jqis xi tkun il-kapaċità ta' dik il-persuna biex tilħaq kull ħtieġa ta' sigurezza li tkun applikabbli skond il-liġi biex topera inġenji ta' l-ajru."; u

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu, kif numerat mill-ġdid u emendat, għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, l-applikant għal ċertifikat ta' operatur ta' l-ajru għandu jipprovdi aċċess sħiħ għal kull dokumentazzjoni, *records*, tagħmir, inġenji ta' l-ajru u faċilitajiet oħra li d-Direttur jkun irid jispezzjona u jeżamina.".

Emenda ta' l-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali.

4. L-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "minn imħallef, bħala *Chairman*", għandhom jidħlu l-kliem "minn avukat bi tnax-il sena esperjenza, bħala *Chairman*"; u

(b) fis-subartikolu (7) tiegħu, minflok il-kliem "l-artikolu 10" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikolu 11".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 735 ta' l-14 ta' Mejju, 2002.

ANTON TABONE
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati